# Tisliba fuq "Katrin tal-Imdina"

L-"għ" u l-"ie" mhumiex f'kaxxa waħda.




**Mimdudin**

4. Aħna l-qarrejja nsiru nafu qabel Katrina dwar mewt il-Ħakem. X'jissejjaħ dan il-mekkaniżmu?

9. "*Aħbat, idrob, infed, oqtol ...*" Dan il-vers joħloq effett drammatiku. X'inhu l-aspett strutturali li jgħin fil-bini ta' dan l-effett?

10. Il-ġeneru ta' din il-poeżija.

11. Irġiel mhux miżżewġa.

13. Dawk għassa mal-kosta Maltija kienu jissejħu tad-______.

14. Kelma oħra għal "*tabal*".

17. "*F'jum wieħed dil-mara / Ittejjeġ u tormol! -"* X'jissejjaħ il-kuntrast bejn iż-żewġ stati li sabet ruħha fihom Katrina?

19. Fit-tieni parti hemm din bejn il-Ħakem u niesu u l-furbani Torok.

21. Katrina hi mqabbla ma' din biex toħroġ is-sbuħija tagħha.

22. It-tul tal-versi fl-ewwel parti.

23. Suldat tal-kavallerija

24. Il-kelma li nużaw illum minflok "*ġilwa*".

25. Il-kelma li nużaw aħna llum għal "*mdannitha*".

**Weqfin**

1. "*Id-dar hi maħnuqa, / Bħal bajda mimlija*" X'inhi l-figura tad-diskors?

2. L-okkażjoni ċċelebrata fl-ewwel parti.

3. Kelma arkajka għal "*mistednin*".

5. X'jissejħu l-versi fit-tieni parti.

6. It-tip ta' strofa użata fit-tieni parti.

7. It-tip ta' strofa użata fl-ewwel parti.

8. Kemm fiha partijiet din il-poeżija?

12. It-tip ta' vokabularju.

15. L-effett tal-ħeffa ta' Katrina hekk kif ħarġet mid-dar biex tara x'ġara, joħroġ bl-użu tas-similitudni. Ma' xiex iqabbel din il-ħeffa?

16. Kelma arkajka għal "*patri*".

18. Il-kelma li llum nużaw flok "*għors*".

20. It-ton użat fl-ewwel parti.